MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2006

Rikors Numru. 44/2000/1

Rikors Nru: 44/00

Kummissarju ta' l-Art

vs

Borg Enterprises Limited

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Kummissarju ta' l-Artijiet ipprezentat fl-10 ta' Awissu, 2000 fejn espona:

Illi l-intimat gie notifikat b'Avviz ghall-Ftehim datat 12 ta' Lulju, 2000 fejn gie nfurmat li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera ta' bicca art f'Santa Venera tal-kejl ta' madwar tlett mija u sittax metri kwadri (316m 2) u tmiss mill-majjistral ma' proprjeta' ta' Roger Ruggier u ohrajn,

mix-xlokk ma' proprjeta' ta' Emanuel Borg u mill-grigal ma' Triq Fleur de Lys huwa ta' hmistax-il elf disa' mija u tmenin lira Maltija (Lm15,980.00) kif jidher mir-rapport tal-Perit Frederick H Valentino A&C.E. tad-29 ta' Mejju,2000, li kopja tieghu (Dok A) hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-28 ta' Lulju, 2000 l-intimat fost affarijiet ohra jiddikjara li ma jaccettax il-kumpens offert u jitlob li dan il-kumpens ghandu jkun akbar.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitolb bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimat/i biex jitrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera ta' bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minn floku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra li l-intimati kkontestaw it-talba.

Ra d-digriet tieghu li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Renato Laferla u l-AIC Joseph Jaccarini.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti teknici

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbal tat-23 ta' Jannar, 2006.

Ikkunsidra:

1. Ir-rikorrenti qed joffru bhala kumpens ghax-xiri assolut tal-qasam bhala liberu u frank (Lm15,980.00)

hmistax-il elf, disa’ mija u tmenin lira Maltija skond stima maghmula u annessa ma’ l-Avviz ghal Ftehim.

2. L-intimati qed jistriehu fuq stima tal-perit taghhom ta’ (Lm62,000).

3. Il-Periti tal-Bord stmaw l-kumpens fl-ammont ta’ Lm41,712.

Ghalhekk il-Bord jordna lis-socjeta’ intimata li tittrasferixxi favur ir-rikorrent b’titolu ta’ xiri assolut bhala franka u libera ta’ bicca art f’Santa Venera tal-kejl ta’ madwar tlett mija u sittax metri kwadri (316m 2) u li tmiss mill-majjistral ma’ proprjeta’ ta’ Roger Ruggier u ohrajn, mix-xlokk ma’ proprjeta’ ta’ Emanuel Borg u mill-grigal ma’ Triq Fleur de Lys bil-kumpens ta’ wiehed u erbghin elf, seba’ mija u tnax-il lira Maltija(Lm41,712)

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku bhala n-nutar tar-rikorrent biex jippubblika l-att fl-ufficju tar-rikorrent fil-5 t’April 2006 fid-9:00a.m. u jahtar lill-avukat Guido Pace Spadaro biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci.

L-ispejjez ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita’ kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------